MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 56/2008/2

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta twieldet it-tifla E B fl-10 ta’ Lulju 2002; li sa mill-bidunett l-l-attur wera nteress kbir f’ bintu tant li bejniethom tezisti rabta qawwija; li l-konvenuta ma tafx terfa’ r-responsabbilita’ taghha fil-konfront tal-minuri u fil-passat “abbandonata f’ diversi okkazzjonijiet.”; li l-interessi tal-minuri jiddettaw li l-attur ikollu l-kura u kustodja esklussiva tat-tifla; li l-proceduri tal-medjazzjoni ma kellhomx l-effett

desiderat, u l-attur gie debitament awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna;  ghalhekk qed jitlob li din l-Qorti

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E B esklussivament f’ idejn ir-rikorrent A B fl-ahjar interess tal-minuri;

2. Fin-nuqqas, tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E B tkun kongunta bejn il-partijiet b’ dan illi l-minuri tirrisjedi ghal certu ammont ta’ jiem matul il-gimgha mar-rikorrenti kif ukoll kwalunkwe decizjoni dwar il-minuri inkluz is-safar, l-edukazzjoni u s-sahha ghandhom jittiehdu konguntivament u bil-kunsens taz-zewg partijiet;

3. Tiffissa somma adegwata bhala manteniment ghall-minuri E B u tordna lill-intimata thallas is-somma hekk iffissata lill-esponent, kull xahar f’ gurnata specifika indikata minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Taghti kwalunkwe direttiva jew ordni ohra fl-ahjar interessi tal-minuri E B.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta opponiet ghat-talbiet ta’ l-attur, “stante li r-rikorrenti huwa persuna rresponsabbli, u mhuwiex kapaci li jiehu hsieb il-minuri”; inoltre hi m’ghandhiex dak l-introjtu li ghandu l-attur;

Rat ir-rapporti tas-haddiema socjali Therese Micallef minnha prezentati u mahlufa fil-11 ta’ Awissu 2008, u fis-6 ta’ Ottubru 2008 [fols.70 et seq. u fols.90 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tafdah bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, u li tordna lill-konvenuta tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifla.

Min-naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghal dawn il-pretensjonijiet, kemm ghax skont hi, l-attur mhux persuna affidabbli, kemm ghax hi m’ghandhiex l-introjtu li ghandu l-attur.

**Kura u Kustodja**

Illi mill-provi, kemm mir-rapporti tal-haddiema socjali, kif ukoll mill-fatti li hargu waqt il-kawza, jirrizulta car u manifest ghal din il-Qorti, li l-attur jista’ joffri aktar stabbilita’ fil-hajja tal-minuri mill-konvenuta, li okkazzjonalment abbandunat it-tifla ghar-rasha. Mill-provi jirrizulta li mhux l-ewwel darba li l-konvenuta halliet lit-tifla waheda; filwaqt li l-provi juru li l-attur, u l-familja tieghu, dejjem hadu hsieb il-minuri.

Ferm il-premess il-Qorti, fl-interess tal-minuri, u anke in linea max-xewqat ta’ l-istess minuri, qed tafda l-kura u kustodja tat-tifla E B esklussivament f’ idejn l-attur, filwaqt li qed takkorda access favur il-konvenuta bi pre-avviz ta’ 24 seigha, kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mill-5.00pm sas-7.00pm, u s-Sibt/Hadd b’ mod alternat mid-9.30am sas-1.00pm. Tordna wkoll li decizjonijiet important relatati mas-sahha u ma’ l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament, u fin-nuqqas ta’ possibilita’ ta’ ftehim, jittiehdu bl-intervent tal-Qorti.

**Manteniment**

Illi kif jirrizulta mix-xhieda, l-attrici kienet tahdem sas-sena 2008 sakemm kienet giet imkecciha mix-xoghol meta siefret ghal xahar u ma rritornatx lura [Xhieda Kathleen Schloss Cremona fol.22]; ghalhekkk hija ghandha l-kapacita’ u l-potenzjal li tahdem u tiggenera ntrojtu ghaliha, u ghalhekk ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri.

Ferm il-premess il-Qorti tordna li l-konvenuta tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri billi thallas lill-attur retta alimentarja mensili ta' €116 [ekwivalenti ghal LM50], oltre nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri u nofs l-ispejjez ta' natura straordinarja relatati mas-sahha tal-minuri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E B lill-attur, b' access favur l-omm kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, li hija alternattiva ghall-ewwel talba, in vista ta' dak fuq deciz;

[3] tilqa' t-tielet talba, fis-sens fuq stabbilit u deciz fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tar-raba' talba;

L-ispejjez relatati ghall-ewwel u ghat-tielet talba jkunu a kariku tal-konvenuta, filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------